# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru**
**Illum 25 ta' Settembru, 2001**

**Appell Nru 95/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Thomas Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Thomas Agius talli fix-xhur qabel l-10 ta' Frar, 2000 naqas li jobdi l-ordni, li kopja tieghu kienet annessa mac-citazzjoni, biex inehhi l-perikolu u jsewwi l-hsara li hemm fil-hajt divizorju bejn il-fond numru 20, Sqaq nru. 1, Triq San Bazilju, Mqabba u l-fond "Hyacinth", Triq K. Ciantar, Mqabba, proprjeta` tieghu jew amministrata minnu, u b'hekk ma obdiex l-ordni legittima bi ksur ta' l-Artikolu 25 tal-Kap. 10 u l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9; l-ewwel qorti kienet mitluba li f'kaz ta' kundanna, barra milli taghti l-piena skond il-ligi tordna lill-hati jnehhi l-inkonvenjent [u] jezegwixxi l-ligi, u cioe` jaghmel it-tiswijiet fi zmien sufficjenti moghti lilu taht penali ta' mhux anqas minn Lm2 kuljum fin-nuqqas, jew tordna li dan isir mill-pulizija a spejjez ta' l-imputat, fit-termini tal-Artikolu 377(3)(5) tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha dik il-qorti, fil-parti deciziva tas-sentenza, qalet hekk:

*Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi Perit, mahlufa minnu waqt is-seduta tat-2 ta' Novembru, 2000;*

*Peress illi l-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet li ghalihom wasal l-imsemmi Perit Tekniku. Qeghda taddotta l-imsemmija relazzjoni u taghmilha bhala taghha;*

*Peress illi l-akkuzi ma jirrisultawx ippruvati;*

*Tilliberah minnhom b'dan pero` illi tirrakkomanda lill-imputat sabiex jesegwixxi x-xogholijiet imsemmija mill-Perit Tekniku fir-relazzjoni tieghu.*

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-18 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-24 ta' Settembru, 2001; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali hu, bazikament, li l-ewwel qorti ghamlet enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi kwantu jirrigwarda l-elementi mehtiega ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 25 tal-Kap. 10. L-appellant jikkontendi li dak li rriskontra l-Perit Tekniku, u li semma' fir-relazzjoni tieghu u li l-ewwel qorti ghamlet taghha, kien jammonta ghall-element (materjali) tar-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu.

Mill-provi, u senjatament mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku, jirrisulta li l-hajt in kwistjoni hu hajt divizorju bejn zewg proprjetajiet privati, u mhux hajt li fuq xi naha minnhom jaghti ghal fuq triq pubblika. L-Avukat Generali qed jikkontendi li mill-imsemmija relazzjoni jirrizulta li "il-hajt huwa fi stat ta' tigrif bizzejjed sabiex johloq periklu u inkomdu ghan-nies jew hwejjeg haddiehor", u li fi kwalunkwe kaz il-"potenzjal ta' periklu mal-moghdija taz-zmien" jammonta ghall-perikolu ravvizat f'din id-disposizzjoni.

Il-Qorti tosserva, qabel xejn, li l-Avukat Generali qieghed ihawwad iz-zewg ipotezijiet kontemplati fl-Artikolu 25 imsemmi. L-ewwel ipotezi li jikkontempla dana l-artikolu hi dik ta' min, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, <u>jibni jew jaghmel xi haga fit-toroq</u> li tista' ggib <u>xkiel</u> jew <u>perikolu</u> jew <u>inkomdu</u> <u>lill-pubbliku</u>. It-tieni ipotezi, li hija separata w distinta mill-ewwel wahda, tkkontempla s-sitwazzjoni fejn persuna, wara li tigi mwissija mill-Pulizija, <u>thalli bini jew opri ohra</u> fi stat ta' <u>tigrif</u> jew ta' <u>perikolu</u> ghan-nies jew ghal hwejjeg haddiehor. Ma jistax, ghalhekk, l-Avukat Generali jaqbad element mit-tieni ipotesi u jabbinah jew ihalltu ma' element iehor mill-ewwel ipotesi, kif ipprova jaghmel fil-bran aktar 'l fuq citat. Din il-Qorti tippretendi aktar rigorozita` ta' hsieb u precizjoni mill-appellant.

Kwantu ghall-potenzjal ta' perikolu mal-moghdija taz-zmien, ghandu jinghad li l-Perit Tekniku, fir-relazzjoni tieghu, jghid testwalment hekk:

*Ghalkemm dan il-hajt <u>mhux fi stat ta' periklu</u> u fi stat imminenti li jaqa', jehtieg li jsirulu dawn ix-xogholijiet sabiex ikun mibni skond l-arti u s-sengha u ghalhekk <u>ma jsirx ta' perikolu mal-moghdija taz-zmien</u>* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Isegwu, imbghad, ix-xogholijiet li l-Perit jghid li ghandhom isiru ghall-fini msemmi. Issa, it-tieni ipotesi kontemplata fl-Artikolu 25 in dizamina <u>ma tirrikjedix li jkun hemm perikolu imminenti</u>, izda semplicement titkellem dwar "perikolu". Il-kuncett ta' perikolu mhux suxxettibbli ghal gradazzjoni; wiehed ma jistax jitkellem dwar hafna perikolu, jew ftit perikolu, jew perikolu

imminenti: jew hemm perikolu jew m'hemmx. Mill-banda l-ohra, anke bl-uzu tal-kelma "tigrif" hu evidenti li l-legislatur hawnhekk kien qed jikkontempla sitwazzjoni ta' perikolu attwali li jkun jehtieg l-intervent immedjat ta' xi hadd, okkorrendo wara rikjam da parti ta' l-awtorita` pubblika rappresentata mill-Pulizija. Il-fatt li bini (jew struttura ohra) jista', bit-trapass taz-zmien, isir perikoluz ma jfissirx li hemm perikolu attwali; wara kollox kull bini jiddeterjora maz-zmien, u l-process ta' deterjorazzjoni jista' jkun wiehed mghaggel jekk jikkonkorru certi cirkostanzi, bhal nuqqas ta' manutenzjoni jew xoghol maghmul hazin, pero` wiehed ma jistax jitkellem dwar perikolu ghall-fini tal-Artikolu 25 meta tali perikolu huwa definittivament fil-futur.

Fil-kaz in dizamina il-Perit Tekniku qal bla tlaqliq li meta ezamina l-hajt hu wasal ghall-konkluzzjoni li ma kienx hemm perikolu. Meta l-imsemmi perit xehed fl-udjenza tal-bierah huwa rega' tenna dan. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, dina l-Qorti tara li ma kien hemm ebda enuncjazzjoni zblajata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi kif qed jippretendi l-Avukat Generali.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

Paul Miruzzi
Deputat Registratur